2025/2199

28.10.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2199

tas-27 ta' Ottubru 2025

li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 u (UE) 2020/761 fir-rigward tal-kwantitajiet li jistgħu jiġu importati taħt ċerti kwoti tariffarji wara l-emenda tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 187 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 ([3]) jistabbilixxi regoli għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u għal dak il-fini jipprovdi regoli speċifiċi.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 ([4]) jistabbilixxi r-regoli għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-importazzjoni msejsa fuq l-ordni kronoloġika tad-dati ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali (il-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel").

(3) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ([5]) (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni") jistabbilixxi, skont iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva ("DCFTA", Deep and Comprehensive Free Trade Area), ċerti kwoti tariffarji għall-prodotti Ukreni importati fl-Unjoni. Ir-Regolament (UE) 2024/1392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) stabbilixxa miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali għall-prodotti Ukreni. Dak ir-Regolament issospenda l-kwoti tariffarji kollha stabbiliti skont l-Anness I-A tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni sal-5 ta' Ġunju 2025. Wara dik id-data, il-kummerċ bejn l-Unjoni u l-Ukrajna reġa' lura għar-regoli tariffarji stabbiliti skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1132 ([7]) emenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 kif xieraq għall-perjodu mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.
([2]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/510/oj.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/761/oj).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 tal-11 ta' Novembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni f'konformità mal-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" (ĠU L 422, 14.12.2020, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1988/oj).
([5]) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2014/295/oj).
([6]) Ir-Regolament (UE) 2024/1392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L, 2024/1392, 29.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1392/oj).
([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1132 tat-3 ta' Ġunju 2025 li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 u (UE) 2020/1988 fir-rigward tal-kwoti tariffarji għall-prodotti li joriġinaw mill-Ukrajna fl-2025 (ĠU L, 2025/1132, 5.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1132/oj).

(4) Id-Deċiżjoni Nru 3/2025 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ tal-14 ta' Ottubru 2025 dwar it-tnaqqis u l-eliminazzjoni tad-dazji doganali skont l-Artikolu 29(4) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (id-"Deċiżjoni") ([8]) temenda l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni billi timmodifika diversi kwoti tariffarji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-DCFTA. B'mod partikolari, dik id-Deċiżjoni żżid il-kwantitajiet ta' prodotti li jridu jiġu importati mill-Ukrajna skont ċerti kwoti tariffarji. Dik id-Deċiżjoni tbiddel ukoll il-kopertura tal-prodotti għal ċerti kwoti tariffarji. Tilliberalizza wkoll l-importazzjonijiet ta' diversi prodotti mill-Ukrajna, li jirriżulta fit-tħassir ta' ċerti kwoti tariffarji. Finalment, toħloq kwota tariffarja ġdida għad-dqiq.

(5) Id-Deċiżjoni tapplika mid-29 ta' Ottubru 2025.

(6) Il-modifiki introdotti bid-Deċiżjoni huma relatati mal-kwoti tariffarji stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 li kienu koperti wkoll mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1132. Madankollu, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1132 ma jistabbilixxix kwota tariffarja għad-dqiq. Għaldaqstant, jeħtieġ li tiġi stabbilita kwota tariffarja ġdida għad-dqiq 09.6733. Għalhekk, jenħtieġ li dawn il-modifiki jiġu riflessi fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988.

(7) Id-Deċiżjoni tintroduċi wkoll modifiki għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.6734, 09.6735, 09.6736, 09.6738, 09.6739, 09.6747, 09.6755, 09.6756, 09.6757 u 09.6758, li huma f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1132 amministrati temporanjament f'ordni kronoloġika, abbażi tad-data li fiha jiġu aċċettati d-dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, sal-31 ta' Diċembru 2025. Mill-1 ta' Jannar 2026, dawk il-kwoti tariffarji jerġgħu lura għall-ġestjoni permezz ta' liċenzji f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 bin-numri tal-ordni 09.4306, 09.4307, 09.4308, 09.4600, 09.4601, 09.4602, 09.4275, 09.4276, 09.4273 u 09.4274 tagħhom. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-modifiki għal dawn il-kwoti tariffarji introdotti bid-Deċiżjoni jiġu riflessi fl-Annessi I, II, IX, XI u XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 u (UE) 2020/761 jiġu emendati kif xieraq.

(9) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu sabiex jiġu implimentati fil-ħin il-modifiki introdotti bid-Deċiżjoni.

(10) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni kif emendat bid-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-Artikoli 1 u 3 ta' dan ir-Regolament japplikaw mill-istess data bħal dik tad-Deċiżjoni.

(11) L-emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 jenħtieġ li japplikaw għall-perjodu tal-kwota tariffarja li jibda fl-1 ta' Jannar 2026.

(12) Billi ċerti emendi li saru b'dan ir-Regolament japplikaw għall-perjodi tal-kwota tariffarja skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 li jkunu għadhom għaddejjin fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jixraq li tiġi stabbilita dispożizzjoni tranżizzjonali li tikkonċerna l-kwantitajiet allokati bejn s-6 ta' Ġunju 2025 u d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

([8]) Id-Deċiżjoni Nru 3/2025 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ tal-14 ta' Ottubru 2025 dwar it-tnaqqis u l-eliminazzjoni tad-dazji doganali skont l-Artikolu 29(4) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L, 2025/2130, 20.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2130/oj).

Artikolu 2

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761

L-Annessi I, II, IX, XI u XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huma emendati f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Il-kwantità disponibbli għall-bqija tal-perjodu tal-kwota tariffarja skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 li jkun għadu għaddej fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tkun id-differenza bejn il-kwantità l-ġdida, kif stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, u l-kwantitajiet diġà allokati bejn is-6 ta' Ġunju 2025 u d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Jekk fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-perjodu tal-kwota tariffarja rilevanti skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 ikun diġà beda u l-kwantità disponibbli qabel tiġi eżawrita, id-differenza bejn il-kwantità l-ġdida kif stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u l-kwantità ta' qabel għandha tiġi allokata mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-29 ta' Ottubru 2025.

L-Artikolu 2 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 huwa emendat kif ġej:

(1) it-taqsima taħt l-intestatura "Kwoti tariffarji fis-settur taċ-ċereali" hija emendata kif ġej:

(a) il-kaxxa "Kwantità" tat-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numri tal-ordni 09.6703 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità**	7 700 000 kg piż nett Ħlief għall-perjodu mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta' 7 700 000 kg piż nett"

(b) il-kaxxa "Kwantità" tat-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numri tal-ordni 09.6707 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità**	33 200 000 kg piż nett Ħlief għall-perjodu mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta' 33 200 000 kg piż nett"

(c) il-kaxxa "Kwantità" tat-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numri tal-ordni 09.6708 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità**	17 500 000 kg piż nett Ħlief għall-perjodu mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta' 17 500 000 kg piż nett"

(d) il-kaxxa "Kwantità" tat-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numri tal-ordni 09.6709 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità**	24 400 000 kg piż nett Ħlief għall-perjodu mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta' 24 400 000 kg piż nett"

(e) it-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.6711 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Numru tal-ordni**	**09.6711**
Bażi legali speċifika	Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE ("il-Ftehim")
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Granza, dqiq inferjuri (sharps) u residwi oħrajn, fil-forma ta' gerbub jew le, ġejjin mit-tnaqqih, it-tħin jew xogħol ieħor fuq ċereali 2302 10 90 2302 30 90 2302 40 90 Residwi mill-manifattura tal-lamtu mill-qamħirrun (ħlief il-likuri kkonċentrati mit-tgħaddis), ta' kontenut ta' proteina, ikkalkulat fuq il-prodott niexef, ta' aktar minn 40 % skont il-piż: 2303 10 11
Kodiċijiet TARIC	---
Oriġini	L-Ukrajna

Kwantità	85 000 000 kg Ħlief għall-perjodu mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta' 85 000 000 kg
Perjodu tal-kwoti tariffarji	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	F'konformità mal-Annessi III u IV tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-Protokoll I tal-Ftehim
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli"

(f) it-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.6719 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Numru tal-ordni**	**09.6719**
Bażi legali speċifika	Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, konklużż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE ("il-Ftehim")
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Jogurt li fih 70 % jew iktar sukrożju skont il-piż (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrożju) jew l-isoglukożju espress bħala sukrożju: 0403 20 49 36 Ħelu taz-zokkor ieħor, li ma fihx kawkaw, li fih 70 % jew aktar skont il-piż ta' sukrożju: ex 1704 90 99 (għall-kontenut taz-zokkor ≥ 70 %) (ara l-kodiċijiet TARIC) Trab tal-kawkaw, li fih 65 % jew aktar skont il-piż ta' sukrożju jew isoglukożju espress bħala sukrożju 1806 10 30 1806 10 90 Preparazzjonijiet oħra fi blokki, ċangaturi jew biċċiet li jiżnu aktar minn 2 kg jew f'forma likwida, pejst, trab, granulari jew f'xi forma oħra bl-ingrossa ġo kontenituri jew pakketti diretti, b'kontenut ta' aktar minn 2 kg, li fihom anqas minn 18 % skont il-piż ta' butir tal-kawkaw u 70 % jew aktar skont il-piż ta' sukrożju: ex 1806 20 95 (għall-kontenut taz-zokkor ≥ 70 %) (ara l-kodiċijiet TARIC) Preparazzjonijiet b'bażi ta' kafè, tè jew matè: 2101 12 98 2101 20 98 Isoglukożju, glukożju, maltodestrina, u ġuleppijiet taz-zokkor imħawrin jew ikkuluriti 2106 90 30 2106 90 55 2106 90 59 Taħlit ta' sustanzi bir-riħa u taħlit b'bażi ta' waħda jew aktar minn dawn is-sustanzi, ta' tip użat fl-industriji tax-xorb, li fihom l-aġenti tat-togħma kollha li jikkaratterizzaw xarba, ta' qawwa alkoħolika proprja skont il-volum ta' mhux aktar minn 0,5 %: 3302 10 29

Kodiċijiet TARIC	0403 20 49 36 1704 90 99 91 1704 90 99 99 1806 20 95 92 1806 20 95 99
Oriġini	L-Ukrajna
Kwantità	7 500 000 kg piż nett Ħlief għall-perjodu mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta' 7 500 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	F'konformità mal-Annessi III u IV tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-Protokoll I tal-Ftehim
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli"

(g) it-tabelli li jirreferu għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4268, 09.6735 u 09.6736 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**Numru tal-ordni**	**09.6734** Applikabbli biss mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025
Bażi legali speċifika	Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, konklużpermezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE ("il-Ftehim")
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Spelt, qamħ komuni u meslin, għajr iż-żerriegħa Ħbub imfesdqin u grixa tal-qamħ komuni u spelt Pellets tal-qamħ 1001 99 00 1103 11 90 1103 20 60
Kodiċijiet TARIC	---
Oriġini	L-Ukrajna
Kwantità	7/12 ta' 1 300 000 000 kg
Perjodu tal-kwoti tariffarji	Mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	F'konformità mal-Annessi III u IV tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-Protokoll I tal-Ftehim
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0

Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.6735** Applikabbli biss mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025
Bażi legali speċifika	Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, konklużż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE ("il-Ftehim")
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Xgħir, għajr iż-żerriegħa Pellets tax-xgħir 1003 90 00, ex 1103 20 25
Kodiċijiet TARIC	---
Oriġini	L-Ukrajna
Kwantità	7/12 ta' 450 000 000 kg
Perjodu tal-kwoti tariffarji	Mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	F'konformità mal-Annessi III u IV tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-Protokoll I tal-Ftehim
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.6736** Applikabbli biss mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025
Bażi legali speċifika	Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, konklużż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE ("il-Ftehim")
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Qamħirrum, għajr iż-żerriegħa Ħbub imfesdqin u grixa tal-qamħirrum Pellets tal-qamħirrum Ħbub maħdumin tal-qamħirrum 1005 90 00 1103 13 10 1103 13 90 1103 20 40 1104 23 40 1104 23 98
Kodiċijiet TARIC	---

Oriġini	L-Ukrajna
Kwantità	7/12 ta' 1 000 000 000 kg
Perjodu tal-kwoti tariffarji	Mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	F'konformità mal-Annessi III u IV tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-Protokoll I tal-Ftehim
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli"

(h) tiżdied it-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.6733:

"**Numru tal-ordni**	**09.6733** Applikabbli biss mid-29 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2025
Bażi legali speċifika	Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, konklużż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE ("il-Ftehim")
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Dqiq tal-qamħ komuni, meslin, spelt, qamħirrum, xgħir u oħrajn 1101 00 15 1101 00 90 1102 20 10 1102 20 90 1102 90 10 1102 90 90
Kodiċijiet TARIC	---
Oriġini	L-Ukrajna
Kwantità	7/12 ta' 30 000 000 kg
Perjodu tal-kwoti tariffarji	Mid-29 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2025
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	F'konformità mal-Annessi III u IV tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-Protokoll I tal-Ftehim
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli"

(2) it-taqsima taħt l-intestatura "Kwoti tariffarji fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib" hija emendata kif ġej:

(a) it-tabelli li jirreferu għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.6738 u 09.6739 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**Numru tal-ordni**	**09.6738** Applikabbli biss mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025
Bażi legali speċifika	Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, konklużż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE ("il-Ftehim")
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Ħalib u ħalib ikkonċentrat 0401 10 0401 20 0401 40 0401 50 0402 91 0402 99
Kodiċijiet TARIC	---
Oriġini	L-Ukrajna
Kwantità	7/12 ta' 15 000 000 kg
Perjodu tal-kwoti tariffarji	Mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	F'konformità mal-Annessi III u IV tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-Protokoll I tal-Ftehim
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli

Numru tal-ordni	**09.6739** Applikabbli biss mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025
Bażi legali speċifika	Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, konklużż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE ("il-Ftehim")
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Ħalib xkumat u krema, fi trab, ħbub jew forom solidi oħra 0402 10
Kodiċijiet TARIC	---
Oriġini	L-Ukrajna
Kwantità	7/12 ta' 15 400 000 kg
Perjodu tal-kwoti tariffarji	Mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025

Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	F'konformità mal-Annessi III u IV tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-Protokoll I tal-Ftehim
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli"

(b) il-kaxxa "Kwantità" tat-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.6747 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità**	7/12 ta' 7 000 000 kg"

(3) it-taqsima taħt l-intestatura "Kwoti tariffarji fis-settur tal-bajd" hija emendata kif ġej:

(a) it-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.6755 hija emendata kif ġej:

(aa) il-kaxxa "Kwantità" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità**	7/12 ta' 9 000 000 kg (espressi f'ekwivalenti ta' bajd fil-qoxra (fatturi tal-konverżjoni skont ir-rati ta' rendiment stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament))"

(bb) il-kaxxa "Subperjodi tal-kwoti tariffarji" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Subperjodi tal-kwoti tariffarji**	Mhux applikabbli"

(b) it-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.6756 hija emendata kif ġej:

(aa) il-kaxxa "Kwantità" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità**	7/12 ta' 9 000 000 kg (piż nett)"

(bb) il-kaxxa "Subperjodi tal-kwoti tariffarji" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Subperjodi tal-kwoti tariffarji**	Mhux applikabbli"

(4) it-taqsima taħt l-intestatura "Kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tat-tjur" hija emendata kif ġej:

(a) it-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.6757 hija emendata kif ġej:

(aa) il-kaxxa "Kwantità" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità**	7/12 ta' 93 350 000 kg piż nett"

(bb) il-kaxxa "Subperjodi tal-kwoti tariffarji" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Subperjodi tal-kwoti tariffarji**	Mhux applikabbli"

(b) it-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.6758 hija emendata kif ġej:

(aa) il-kaxxa "Kwantità" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità**	7/12 ta' 26 650 000 kg (piż nett)"

(bb) il-kaxxa "Subperjodi tal-kwoti tariffarji" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Subperjodi tal-kwoti tariffarji**	Mhux applikabbli"

(5) it-taqsima taħt l-intestatura "Kwoti tariffarji fis-settur tal-prodotti tal-apikultura" hija emendata kif ġej:

il-kaxxa "Kwantità" tat-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numri tal-ordni 09.6701 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità**	35 000 000 kg piż nett Ħlief għall-perjodu mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta' 35 000 000 kg piż nett"

(6) it-taqsima taħt l-intestatura "Kwoti tariffarji fis-settur tal-frott u l-ħxejjex" hija emendata kif ġej:

il-kaxxa "Kwantità" tat-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numri tal-ordni 09.6702 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità**	750 000 kg piż nett Ħlief għall-perjodu mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta' 750 000 kg piż nett"

(7) it-taqsima taħt l-intestatura "Kwoti tariffarji fis-settur taz-zokkor" hija emendata kif ġej:

it-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.6704 hija emendata kif ġej:

(a) il-kaxxa "Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM**	Zokkor tal-pitravi mhux raffinat li ma fihx ħwawar miżjudin jew materjal li jagħti l-kulur: 1701 12 Zokkor ieħor minbarra zokkor mhux raffinat: 1701 91 1701 99"

(b) il-kaxxa "Kwantità" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità**	100 000 000 kg piż nett Ħlief għall-perjodu mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta' 100 000 000 kg piż nett"

(8) it-taqsima taħt l-intestatura “Kwoti tariffarji fis-settur taċ-ċereali u z-zokkor” hija emendata kif ġej:

(a) it-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.6705 hija emendata kif ġej:

(aa) il-kaxxa “Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM” hija sostitwita b’dan li ġej:

“**Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM**	Zokkor tal-maple f’forma solida, li fih ħwawar miżjudin u materjal li jagħti l-kulur: 1702 20 10 Glukożju u ġulepp tal-glukożju, li ma fihomx fruttożju jew li fl-istat xott tagħhom fihom anqas minn 50 % skont il-piż ta’ fruttożju, ħlief iz-zokkor invertit: 1702 30 1702 40 Fruttożju kimikament pur: 1702 50 00 Fruttożju ieħor u ġulepp tal-fruttożju, li fihom fl-istat xott aktar minn 50 % fruttożju skont il-piż, ħlief iz-zokkor invertit: 1702 60 Maltożju kimikament pur: 1702 90 10 Iżoglukożju f’forma solida, li fl-istat xott tiegħu fih 50 % skont il-piż ta’ fruttożju: 1702 90 30 Maltodestrina f’forma solida u ġulepp tal-maltodestrina, li fl-istat xott tagħhom fihom 50 % skont il-piż ta’ fruttożju: 1702 90 50 Karamella: 1702 90 71 7029 07 5 1702 90 79 Ġulepp tal-inulina: 1702 90 80 Zokkor ieħor, inklużi z-zokkor invertit u zokkor ieħor u taħlit ta’ ġulepp taz-zokkor li fl-istat xott tagħhom fihom 50 % skont il-piż ta’ fruttożju: 1702 90 95”

(bb) il-kaxxa “Kwantità” hija sostitwita b’dan li ġej:

“**Kwantità**	30 000 000 kg piż nett Ħlief għall-perjodu mis-6 ta’ Ġunju sal-31 ta’ Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta’ 30 000 000 kg piż nett”

(b) it-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.6706 titħassar;

(9) it-taqsima taħt l-intestatura “Kwoti tariffarji fis-settur tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati” hija emendata kif ġej:

(a) it-tabelli li tirreferi għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.6712 u 09.6713 jitħassru;

(b) il-kaxxa “Kwantità” tat-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numri tal-ordni 09.6714 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**Kwantità**	25 000 000 kg piż nett Ħlief għall-perjodu mis-6 ta’ Ġunju sal-31 ta’ Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta’ 25 000 000 kg piż nett”

(10) it-taqsima taħt l-intestatura "Kwoti tariffarji fis-settur tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati u tal-inbid" hija emendata kif ġej:

it-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.6715 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Numru tal-ordni**	**09.6715**
Bażi legali speċifika	Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE ("il-Ftehim")
Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM	Meraq tat-tuffieħ: 2009 71 2009 79
Kodiċijiet TARIC	---
Oriġini	L-Ukrajna
Kwantità	30 000 000 kg piż nett Ħlief għall-perjodu mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta' 30 000 000 kg piż nett
Perjodu tal-kwoti tariffarji	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Mhux applikabbli
Prova tal-oriġini	F'konformità mal-Annessi III u IV tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-Protokoll I tal-Ftehim
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Garanzija li trid tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1987	Mhux applikabbli
Kundizzjonijiet speċifiċi	Mhux applikabbli"

(11) it-taqsima taħt l-intestatura "Kwoti tariffarji fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib" hija emendata kif ġej:

(a) it-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.6716 titħassar;

(b) il-kaxxa "Kwantità" tat-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numri tal-ordni 09.6717 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità**	375 000 kg piż nett Ħlief għall-perjodu mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta' 375 000 kg piż nett"

(12) it-taqsima taħt l-intestatura "Kwoti tariffarji fis-settur taċ-ċereali u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati" hija emendata kif ġej:

il-kaxxa "Kwantità" tat-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numri tal-ordni 09.6718 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità**	2 250 000 kg piż nett Ħlief għall-perjodu mis-6 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta' 2 250 000 kg piż nett"

(13) it-taqsima taħt l-intestatura “Kwoti tariffarji fis-settur tal-alkoħol etiliku ta’ oriġini agrikola” hija emendata kif ġej:
il-kaxxa “Kwantità” tat-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numri tal-ordni 09.6723 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**Kwantità**	125 000 000 kg piż nett Ħlief għall-perjodu mis-6 ta’ Ġunju sal-31 ta’ Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta’ 125 000 000 kg piż nett”

(14) it-taqsima taħt l-intestatura “Kwoti tariffarji fis-settur tal-prodotti agrikoli pproċessati elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 510/2014” hija emendata kif ġej:

(a) it-tabelli li tirreferi għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.6710, 09.6721 u 09.6722 jitħassru;

(b) il-kaxxa “Kwantità” tat-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numri tal-ordni 09.6720 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**Kwantità**	3 000 000 kg piż nett Ħlief għall-perjodu mis-6 ta’ Ġunju sal-31 ta’ Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta’ 3 000 000 kg piż nett”

(c) il-kaxxa “Kwantità” tat-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numri tal-ordni 09.6725 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**Kwantità**	150 000 kg piż nett Ħlief għall-perjodu mis-6 ta’ Ġunju sal-31 ta’ Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta’ 150 000 kg piż nett”

(d) it-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.6726 hija emendata kif ġej:

(aa) il-kaxxa “Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM” hija sostitwita b’dan li ġej:

“**Deskrizzjoni tal-prodott u kodiċijiet NM**	Destrini u lamti oħra mmodifikati (għajr il-lamti, esterifikati jew eterifikati): 3505 10 10 3505 10 90 Kolol li fihom, skont il-piż, 25 % jew aktar ta’ lamti jew destrini jew lamti oħra mmodifikati: 3505 20 30 3505 20 50 3505 20 90 Aġenti għall-irfinar, katalisti biex iħaffu ż-żbigħ jew l-iffissar ta’ sustanzi taż-żbigħ u prodotti oħrajn u preparati (pereżempju, sustanzi għat-twebbis u murdenti), ta’ tip użati fl-industriji tat-tessuti, tal-karta, tal-ġilda jew industriji bħalhom, li mhumiex speċifikati jew inklużi band’oħra: b’bażi ta’ sustanzi amilaċeużi: 3809 10 10 3809 10 30 3809 10 50 3809 10 90”

(bb) il-kaxxa “Kwantità” hija sostitwita b’dan li ġej:

“**Kwantità**	8 000 000 kg piż nett Ħlief għall-perjodu mis-6 ta’ Ġunju sal-31 ta’ Diċembru 2025 li għalih il-kwantità li trid tiġi applikata hija 7/12 ta’ 8 000 000 kg piż nett”

ANNESS II

L-Annessi I, II, IX, XI u XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness I, wara r-ringiela li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4122, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"09.4309	Ċereali	Importaz-zjoni	L-UE: eżami simultanju	Le	Iva		Le"

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) Fit-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4306, ir-ringieli "Deskrizzjoni tal-prodott" u "Kodiċijiet CN" huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**Deskrizzjoni tal-prodott**	Spelt, qamħ komuni u meslin, għajr iż-żerriegħa Ħbub imfesdqin u grixa tal-qamħ komuni u spelt Pellets tal-qamħ

Kwantità f'kilogrammi	Perjodu tal-kwota tariffarja 2026: 1 300 000 000 kg

Kodiċijiet NM	1001 99 00 1103 11 90 1103 20 60"

(b) Fit-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4307, ir-ringieli "Deskrizzjoni tal-prodott" u "Kodiċijiet CN" huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**Deskrizzjoni tal-prodott**	Xgħir, għajr iż-żerriegħa Pellets tax-xgħir

Kwantità f'kilogrammi	Perjodu tal-kwota tariffarja 2026: 450 000 000 kg

Kodiċijiet NM	1003 90 00, ex 1103 20 25"

(c) Fit-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4308, ir-ringieli "Deskrizzjoni tal-prodott" u "Kodiċijiet CN" huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**Deskrizzjoni tal-prodott**	Qamħirrum, għajr iż-żerriegħa Ħbub imfesdqin u grixa tal-qamħirrum Pellets tal-qamħirrum Ħbub maħdumin tal-qamħirrum

Kwantità f'kilogrammi	Perjodu tal-kwota tariffarja 2026: 1 000 000 000 kg

Kodiċijiet NM	1005 90 00 1103 13 10 1103 13 90 1103 20 40 1104 23 40 1104 23 98“

(d) tiżdied it-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4309:

“**Numru tal-ordni**	**09.4309**
Ftehim internazzjonali jew att ieħor	Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, li ġie konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE)
Perjodu tal-kwoti tariffarji	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
Subperjodi tal-kwoti tariffarji	Le
Applikazzjoni għal-liċenzja	F'konformità mal-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan ir-Regolament
Deskrizzjoni tal-prodott	Dqiq tal-qamħ komuni, meslin, spelt, qamħirrum, xgħir u oħrajn
Oriġini	L-Ukrajna
Prova tal-oriġini fl-applikazzjoni tal-liċenzja. Jekk iva, il-korp awtorizzat biex joħroġha	Le
Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera	F'konformità mal-Annessi III u IV tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-Protokoll I tal-Ftehim
Kwantità f'kilogrammi	30 000 000 kg
Kodiċijiet NM	1101 00 15 1101 00 90 1102 20 10 1102 20 90 1102 90 10 1102 90 90
Dazju doganali fil-kwota	EUR 0
Prova tal-kummerċ	Iva. 25 tunnellata
Garanzija għal-liċenzja tal-importazzjoni	EUR 30 għal kull 1 000 kg
Entrati speċifiċi li jridu jsiru fuq l-applikazzjoni tal-liċenzja u fuq il-liċenzja	It-Taqsima 8 tal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni u tal-liċenzja tal-importazzjoni għandha tindika l-pajjiż tal-oriġini; il-kaxxa “iva” f'din it-taqsima għandha tiġi mmarkata
Perjodu ta' validità tal-liċenzja	F'konformità mal-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament

Trasferibbiltà ta' liċenzja	Iva
Kwantità referenzjali	Le
Operatur irreġistrat fil-bażi tad-data LORI	Le
Kundizzjonijiet speċifiċi	Le“

(3) L-Anness IX huwa emendat kif ġej:

(a) Fit-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4600, ir-ringieli "Deskrizzjoni tal-prodott" u "Kodiċijiet CN" huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**Deskrizzjoni tal-prodott**	Ħalib u ħalib ikkonċentrat

Kwantità f'kilogrammi	Perjodu tal-kwota tariffarja 2026: 15 000 000 kg, diviżi kif ġej: 7 500 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 7 500 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru

Kodiċijiet NM	0401 10 0401 20 0401 40 0401 50 0402 91 0402 99“

(b) Fit-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4601, ir-ringieli "Deskrizzjoni tal-prodott" u "Kodiċijiet CN" huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**Deskrizzjoni tal-prodott**	Ħalib xkumat u krema, fi trab, ħbub jew forom solidi oħra

Kwantità f'kilogrammi	Perjodu tal-kwota tariffarja 2026: 15 400 000 kg, diviżi kif ġej: 7 700 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 7 700 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru

Kodiċijiet NM	0402 10“

(c) Fit-tabella dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4602, ir-ringiela "Kwantità f'kilogrammi", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità f'kilogrammi**	Perjodu tal-kwota tariffarja 2026: 7 000 000 kg, diviżi kif ġej: 3 500 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 3 500 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru“

(4) L-Anness XI huwa emendat kif ġej:

(a) Fit-tabella dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4275, ir-ringiela "Kwantità f'kilogrammi", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità f'kilogrammi**	Kwantità f'kg espressa f'ekwivalenti ta' bajd fil-qoxra (il-fatturi ta' konverżjoni skont ir-rati ta' rendiment stabbiliti fl-Anness XVI ta' dan ir-Regolament) diviża f'erba' subperjodi tal-kwota tariffarja b'25 % għal kull perjodu tal-kwota tariffarja: Perjodu tal-kwota tariffarja 2026: 9 000 000 kg"

(b) Fit-tabella dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4276, ir-ringiela "Kwantità f'kilogrammi", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità f'kilogrammi**	Perjodu tal-kwota tariffarja 2026: 9 000 000 kg (espressi f'piż nett), diviżi kif ġej: 25 % għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 25 % għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 25 % għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 25 % għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru"

(5) L-Anness XII huwa emendat kif ġej:

(a) Fit-tabella dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4273, ir-ringiela "Kwantità f'kilogrammi", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità f'kilogrammi**	Perjodu tal-kwota tariffarja 2026: 93 350 000 kg, diviżi kif ġej: 25 % għal kull subperjodu"

(b) Fit-tabella dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4274, ir-ringiela "Kwantità f'kilogrammi", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità f'kilogrammi**	Perjodu tal-kwota tariffarja 2026: 26 650 000 kg (piż nett) diviżi kif ġej: 25 % għal kull subperjodu"